St Margaret College Secondary School
Verdala, St Nicholas Road, Cospicua, BML 9035
☎ 25985400 🖶 21803850 ✉ smc.verdala.ss@ilearn.edu.mt smcsecondary.com

27 t'April 2021

## Studenti tal-Year 11 – Minn issa 'l quddiem

Għeżież ġenituri / gwardjani

Issa li l-istudenti tal-Year 11 waslu fl-aħħar tal-eżamijiet tal-Mocks għal din is-sena akkademika, se nwasslilkom kif se nkomlpu niggwidaw lill-istudenti tul ix-xahar ta' Mejju sakemm jibdew l-eżamijiet tas-SEC.

Bħala skola, se nkomplu nassistu 'l-istudenti tal-Year 11 online, skond it-timetable, matul l-erba' ġimgħat ta'Mejju sa ma jibdew l-eżamijiet tas-SEC f'Ġunju. Din il-miżura qed neħduha biex nevitaw il-possibilta li studenti jinqabdu fi kwarantina mandatorja minħabba xi każ li jista' jirriżulta fl-iskola u b'konsegwena, jitiflu xi eżamijiet tas-SEC. L-istudenti ikomplu bl-istudji tagħhom mid-dar, iggwidati mill-għalliema tagħna fil-ħinijiet allokati għal-lezzjonijiet tagħhom skond it-timetable, b'hekk ngħinuhom ikunu aktar ippreparati għal dawn l-eżamijiet. Għalhekk tajjeb li l-istudenti jużaw dan il-ħin biex jiċċaraw xi diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom matul l-istudju. Ġenituri u studenti jistgħu jikkuntatjaw l-iskola f'każ ta' xi diffikulta li jistgħu jiltaqgħu magħha.

Għall-aħħar ġurnata li l-istudenti se jkunu magħna, il-Ġimgħa 30 t'April, se norganiżżaw farewell qasir, li jirrispetta l-miżuri tas-Saħħa eżistenti. Din l-attiva qasira tkun lesta sal-10:30am u l-istudenti jmorru lura d-dar eżattament wara. L-istudenti jistgħu jattendu l-iskola lebsin jeans u t-t-shirt tal-Form 5u mobile phones mhumiex permessi, pero l-iskola se jkollha persuna mill-istaff li se tieħu ritratti ta' din l-okkażjoni

Nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni

Nselli Għalikom

Joseph Ellul
Kap tal-Iskola